# Monsinjur Pantalleresco

Min imur is-Seminarju, Tal-Virtù, ir-Rabat, jekk jista', imissu jżur ukoll il-biblioteka li llum hija waħda mill-aħjar li għandna, speċjalment għat-teoloġija. F'nofs l-ewwel sala hemm kwadru, ritratt magħmul lejn is-sena 1955 mill-pittur magħruf Willie Apap (1918-1970), li juri lill-Monsinjur Alberto V. Pantalleresco, Rettur tas-Seminarju (1950-1963). Ir-ritratt huwa pittura mill-aħjar li tixraq lil Willie Apap li ma nafx kellniex pitturi aqwa minnu fis-seklu li għadda. Monsinjur Pantalleresco jidher il-karattru tiegħu fir-ritratt; kien bniedem determinat u ta' karattru. Imma ma naħsibx li kien solenni kif pinġieh il-pittur. Kien aktarx kontra l-pompa żejda. Għalhekk ma tantx kien jitkellem fuqu nnifsu. Imma niftakar li meta jinzerta l-Kottonera kien juri fejn kienet id-dar sabiħa li kellhom fil-kantuniera u meta jsaqsuh x'kienet il-'V' f'ismu, wara Alberto, kien jgħid: "Dik mhux għall-Vitorja imma għall-qaddis battezzat li hemm ir-relikwiji tiegħu l-Isla, Vittorio" u hekk indirettament kien juri li hu mill-Isla.



Kwadru ritratt ta' Mons. Alberto V. Pantalleresco mpitter minn Willie Apap

Pantalleresco kien jurihom il-gosti tiegħu. Ma tantx kont togħġbu malajr! Dan naturalment, mhux dejjem kien jagħmlu popolari. Imma dan ukoll jispjega ħafna mill-ġid li għamel kull fejn kien. L-idea tiegħu kienet li jgħolli l-livell ta' kull min kien madwaru, jiddependi minnu jew le, hu kellu r-responsabbiltà tiegħu.

Għalhekk nistgħu ngħidu li l-missjoni ta' Monsinjur Pantalleresco kienet ta' edukatur. Li kien saċerdot kompla jżid u jżejjen din il-missjoni. Dawk li kienu jafuh qabel il-Gwerra, kienu jiftakruh jew fl-iskejjel sekondarji li tagħhom kien Direttur, speċjalment fil-Liċeo, il-parti kbira li kellu fl-Azzjoni Kattolika, li kien jemmen fiha bil-qawwa kollha, u l-Istitut San Ġużepp, li rriforma u mexxa meta kien inkarigat mis-Soċjetà ta' San Pawl wara l-mewt tal-Fundatur Monsinjur Ġużeppi De Piro fl-1933.

**Edukatur u riformatur**

Dawn kienu aspetti differenti ta' missjoni waħda. Għal Dun Albert, kif kienu jafuh ħafna, kien hemm bżonn tgħolli l-istandard. Għalih malajr l-istandard kien jidher baxx, kull fejn kien. Ħafna drabi kien ikollu raġun. Illum ftit huma, jekk għad baqa' min jiftakar fir-riforma sħiħa li Pantalleresco ġieb fl-Istitut San Ġużepp. Irranġa, irrinova, għallem u ġieb min jgħallem anki minn barra minn Malta biex it-tfal u ż-żgħażagħ setgħu jitgħallmu l-iskola u s-snajja li servihom għomorhom kollu. Kien veru benefattur tagħhom u taş-soċjetà ta' żmienu. Kien ukoll is-Superjur tas-Soċjetà ta' San Pawl, mill-mewt ta' Mons. De Piro sa ma ġie arrestat u internat fl-1940. Fr Stanley Tomlin M.S.S.P. irrakkontali li dakinhar kien qed jgħinu l-quddiesa. Meta spiċċat il-quddiesa ġew isaqsu għall-Monsinjur u Tomlin qalilhom li kienu ġew għalih u "ħaduh".



Dun Albert Pantalleresco, saċerdot żagħżugħ



Dun Albert, liebes l-unformi militari meta hu serva bħala Kappillan fuq 'Hospital Ships' fi żmien l-ewwel gwerra. Hawn jidher flimkien ma' Dun Enrico Bonnici li fl-1913 kien sar Kanonku Teżorier tal-Kolleġġjata Sengleana

Imma l-opra ta' Monsinjur Pantalleresco qabel il-Gwerra kienet l-appostolat tiegħu mat-tfal u żgħażagħ fl-iskejjel u speċjalment fl-Azzjoni Kattolika. Fil-*memoirs* ta' Herbert Ganado, fl-I Volum ta' *Rajt Malta Tinbidel*, l-awtur jitkellem fit-tul fuq l-attività tal-Monsinjur maż-żgħażagħ.

Ganado baqa' viċin ta' Pantalleresco sal-aħħar. Jien niftakru fis-snin 50 jiltaqa' miegħu spiss, jiġi jarah is-Seminarju jew fil-ġnien Argotti fejn il-Monsinjur, li kien allura Rettur tas-Seminarju, kien ikun għall-passiġġata, miexi pass bil-mod, kellu diġà l-Parkinsons, u jara lill-Avukat Ganado ġej b'dak il-pass ħafif tiegħu, pjuttost inklinat lejn ġenb, b'xi erba' ġurnali taħt għabtu, kien jibda d-diskors mill-ewwel, jaġġorna lil Dun Albert fuq l-aħbarijiet ta' barra li hu kien isegwi tajjeb u jikteb fuqhom fil-*Leħen is-Sewwa* u jaqa' dejjem fuq li kien qed jiġri Malta.

Fil-volum li semmejna, Kap XLI, Ganado għandu battuti li joħorġu l-karattru u l-istil ta' Panatalleresco tajjeb ħafna. Kien inventiv, jorganizza għaż-żgħażagħ laqgħat u ħarġiet li jżommhom miġburin. Kien fitt fil-kliem u f'kull ma jagħmel, ifittex il-preċiżjoni. Kien ta' dixxiplina li kull min jagħmilha miegħu jibqa' jiftakar. Iħabrek għall-formazzjoni tal-ġuvintur. Jiġri warajhom, isegwihom u jgħallimhom. Il-Liċeo, l-Istitut San Ġużepp, l-Azzjoni Kattolika u, fl-aħħar snin ta' ħajtu, is-Seminarju. Kien jgħid li s-Seminarju kien dejjem il-ħolma tiegħu. Kellu dejjem l-ideja li minn hemm joħorġu, *leaders,* għalliema, edukaturi.

**Is-Seminarju**

Milli jidher il-Providenza u l-karattru li kellu ġiebu lil Mons. Pantalleresco fejn, xi ftit jew wisq, kien dejjem jitfa' ħarstu. Meta ġie lura mill-Uganda fl-1945, jew xi ftit wara, inzerta mal-Arċisqof Gonzi fil-festa ta' Kristu Re, li kienet



Il-Maltin eżiljati fl-Uganda bejn l-1942 u l-1945: Mons. Pantalleresco jidher bis-suttana bajda fuq il-lemin tar-ritratt

reġgħet bdiet issir b'ħeġġa ġdida fl-aħħar ta' Ottubru. Il-Monsinjur kien Dekan tal-Katidral, laħaq wara Mons. De Piro, u kien jassisti lill-Arċisqof fil-funzjonijiet. Wara l-manifestazzjoni ta' Kristu Re, marru s-Seminarju, li kien il-Furjana, biex joffrulhom kafè. Is-Seminarju kien qed jissewwa wara l-Gwerra. Pantalleresco kien iħobb jara x-xogħlijiet ta' bini u ma kellux ħajta f'ilsienu. Aktarx li kkummenta fuq il-kulur li kienu qed jagħtu lill-bibien tal-kuriduri t'isfel. L-Arċisqof, bniedem ta' azzjoni u ta' deċiżjoni, qallu: "Ejja u ħu ħsieb int ta' dax-xogħlijiet".

Is-Seminarju kien hemm Rettur Mons. Giovanni Mifsud. Pantalleresco kien daħal biex jissorvelja l-bini imma jidher li beda jissorvelja wkoll l-andament tas-Seminarju. Sal-1950 laħqet saret il-bidla. Mons. Mifsud mar Kanċillier il-Kurja u Pantalleresco sar Rettur tas-Seminarju. Kien diġà leħaq ħa l-fama għad-dixxiplina speċjalment ma' dawk l-istudenti li kienu waslu biex jordnaw saċerdoti. Dawn kellhom is-snin tagħhom tas-Seminarju kkondizzjonati mill-Gwerra.

Il-vokazzjonijiet dak iż-żmien kienu fl-aqwa tagħhom. Ġie li qabżu l-mija. Ħadem ħafna għalihom Patri Robert Darmanin S.J. li sar Direttur Spiritwali bejn wieħed u ieħor kif sar Monsinjur Pantalleresco. Fis-Seminarju kien għad hemm dak li jissejjaħ *Minore* għat-tfal tal-iskola sekondarja li x'wħud minnhom kienu għadhom interni. Dawn il-*boarders* fl-1954 spiċċaw.

Ħafna mir-rikostruzzjoni ta' wara l-Gwerra, is-Seminarju jafha lill-Monsinjur Pantalleresco. Fost ix-xogħlijiet saru l-bitħa tal-kolonni u t-taraġ sabiħ li minn fejn il-bieb ta' barra jitla' fl-ewwel sular. Ir-riforma saret speċjalment fil-ħajja tas-seminaristi. Beda jiġi osservat regolament ta' ħajja iktar strett minn qabel. Bdiet issir enfasi fuq l-isport u l-mużika. Kien għadu kif ġie mill-istudji f'Ruma Patri Alberto Borg O.S.A., Agostinjan li għadu kif għalaq sena mejjet. Ried isir dormitorju ġdid fuq nett għax mal-erbgħin seminarista ma kienx hemm kamra għalihom. Monsinjur Pantalleresco qiegħed pedament għal epoka ġdida fis-Seminarju u fl-1963, sewwa sew fis-7 ta' Frar miet. Dik is-sena ma ġie qatt is-Seminarju għax ma kienx jiflaħ. Laħaq immedjatament Rettur warajh Mons. Victor Grech li kien ilu mill-1956, ftit jew wisq, bir-riedni f'idejh. Kien issenjalah Pantalleresco u l-Arċisqof Gonzi kien jafda ħafna fil-kelma tal-Monsinjur.

**Karattru, kultura u missjoni**

Pantalleresco, tista' tgħid, kif għedna, li kellu missjoni x'jaqdi. Kellu wkoll il-kwalitajiet biex jaqdiha. Fl-1956 fl-Università nnominaw l-ewwel



***Mons. Pantallereco flimkien mas-seminaristi waqt ħarġa fil-Buskett fl-24 ta' Novembru 1960. Ir-raba' fuq ix-xellug tar-ritratt, liebes is-suttana u l-faxxa, jidher is-seminarist Ġużepp Attard li fl-1967 sar Kanonku tal-Kolleġġjata tal-Isla***

professur Taljan wara l-Gwerra. Il-Profs. Antonio Di Pietro, minn Avellino fis-Sud tal-Italja, studja l-Università Kattolika ta' Milan u sar assistent ta' wieħed mill-aqwa figuri ta' dik l-Università f'dak iż-żmien, il-Profs. Apollonio. Di Pietro speċjalizza fl-awtur Pirandello li bħalu kien mill-Italja t'Isfel. Kien brillanti imma bniedem sbukkat. It-tagħlim bit-Taljan fl-Università, fi żmienu għamel qabża kbira 'l fuq. Darba kien mar is-Seminarju jiltaqa' mar-Rettur Pantalleresco li fuqu kien sema' ħafna. Dan, bil-Parkinsons, ma tantx tkellem. Imma Di Pietro xorta impressjona ruħu u qalilna: *"Il vostro Rettore è un uomo straordinario"*.

Monsinjur Pantalleresco kien wieħed mill-Maltin li ġew eżiljati fil-Gwerra, l-uniku membru tal-kleru. Dawn ġew eżiljati mingħajr proċess imma kulħadd ħadha li bagħtuhom 'l bogħod għax kienu jiffavorixxu l-Italja u għalhekk kienu kontra l-Ingilterra. Sir Charles Bonham-Carter, li kien Gvernatur mill-1936 sal-1940, fid-djarji tiegħu, isemmi lil Mons. Pantalleresco iktar minn darba. Billi ttratta s-suċċessjoni għall-Arċisqof Caruana, Bonham-Carter jgħid li, mument minnhom, il-Vatikan kien ħaseb f'Pantalleresco bħala l-uniku wieħed possibbli bħala alternattiva għal Monsinjur Gonzi. Imma l-Gvernatur jgħid li Monsinjur Pantalleresco *"... would, of course, be worse than Gonzi"* (ara *The Bonham-Carter Diaries*, p. 296).

Iktar 'l isfel, Bonham-Carter jgħid li fis-6 ta' Ġunju 1939 mar jagħmel vista l-Istitut San Ġużepp fejn il-Monsinjur kien Direttur. Fuqu l-Gvernatur jgħid li kien *"no lover of the British but an attractive fellow because he was cultivated, had brains and always clean and shaven"* (Ibid. p. 344). Jgħid ukoll li l-Istitut immexxi minn Pantalleresco kien, bla dubju, *"by far, the best that there is in Malta"*. Kien hemm mal-mitejn tifel u kellhom klassijiet tas-snajja bħal ta' mastrudaxxi, skrapan, legaturi, stampaturi u oħrajn.

Kollox ma kollox, nixtieq ngħid li l-opra ta' Monsinjur Pantalleresco kienet soċjali u ta' edukazzjoni. Fuq kollox kien dejjem saċerdot. L-edukazzjoni li ħadem fiha sal-mewt kienet edukazzjoni Nisranija u fl-aħħar snin kienet speċjalment, edukazzjoni tal-kleru. M'għandniex xi ngħidu, kien saċerdot ta' żmienu, imma, f'diversi aspetti, ma kienx bħal ta' żmienu. Ma kienx jikkonforma ruħu malajr ma' dak li jagħmlu l-oħrajn, anzi spiss kien ikun kritiku, għax kien jidhirlu li l-affarijiet kellhom ikunu mod ieħor. Kellu gosti fini. Għalih u għall-oħrajn dejjem immira għal livell għoli, fir-ruħ u l-ġisem. Meta miet, fis-7 ta' Frar 1963, id-Direttur Spiritwali tas-Seminarju, Fr Joseph Bernard S.J., li kellu ammirazzjoni kbira lejh u minnu kien igawdi ammirazzjoni kbira wkoll, qal fuqu: "Jekk kellu xi difett kien l-eċċess tal-kwalitajiet tajba".

***Mons. Lawrence Gatt***

